# QORTI ĊIVILI PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**Illum 27 ta' Gunju 2019.**

**Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 746/19RGM fl-ismijiet**

**Maria Carmela sive Maria Zammit**

**Vs**

**Mark Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Maria Carmela Zammit tas-6 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Mark Galea sabiex jigi inibit milli jaghmel ix-xogholijiet imsemmija fir-rikors.

Rat ir-risposta ta' Mark Galea tat-13 ta' Gunju 2019 li permezz taghha qed jilqa' ghar-rikors imsemmi ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Gunju 2019 li permezz tieghu laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni u appuntatu ghas-smiegh ghall-24 ta’ Gunju 2019.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta’ Gunju 2019 li jaqra kif gej:-

> “Meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti assistita minn Dr. Patrick Valentino u l-intimat assistit minn Dr. Martin Fenech.
>
> Il-Qorti qed tigi nfurmata li l-vertenza ser tigi transatta, ghaliex fil-mori l-intimat ipprezenta applikazzjoni mal-Planning Authority ghall-varjazzjoni fil-permess mahrug fit-18 ta' Jannar 2019, u dan sabiex jindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti li wassluha tipprezenta r-rikors ghall-hrug tal-mandat fis6 ta' Gunju 2019.
>
> Il-Qorti qed tigi nfurmata li l-applikazzjoni prezentata fis-6 ta' Gunju 2019, ghadha pendenti.
>
> Il-Qorti qed tigi nfurmata wkoll illi fil-kors tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni numru 5951/18, ir-rikorrenti kienet prezentat lill Planning Authority l-objezzjonijiet taghha, izda xorta hareg il-permess kif mitlub mill-intimat. Dr. Valentino jiddikjara, li kemm il-darba l-intimat jobbliga ruhhu f'dawn l-atti, li jottemperha ruhhu fix-xoghlijiet b'mod skrupoluz ma’ dak dettaljatament elenkat mill-Perit Rupert Pace fin-nota tieghu tat-12 ta' Gunju 2019, a Fol.24 tal-process, ir-rikorrenti tkun lesta li tirtira dawn il-proceduri salv ilkap tal-ispejjez.
>
> L-intimat jiddikjara u jobbliga ruhhu li x-xoghlijiet li ser jezegwixxi, ser jikkonformaw b'mod shih ma’ dak dettaljatament specifikat mill-Perit tieghu Rupert Pace fin-nota tat-12 ta' Gunju 2019, (Fol. 24), liema nota jidher li giet ipprezentata lill-Awtorita tal-Ippjanar fl-

istess jum. Din in-nota tirreferi ghal Minor Emendment Application fir-rigward tal-permess gia approvat bin-vista ta' din id-dikjarazzjoni,

Dr. Valentino ghar-rikorrenti, jipprezenta nota ta' cessjoni fil-mertu tar-rikors Mandat ta' Inibizzjoni u jzomm ferm il-kap tal-ispejjez.

L-avukati tal-partijiet ittrattaw il-kap tal-ispejjez.

Dr. Valentino jipprezenta kopja ta' ittra tat-18 ta' Ottubru 2018, u l-avukati jaqblu illi ghal dik l-ittra, Dr. Fenech irrisponda li l-patrocinat tieghu kien ser jimxi skond il-ligi.

Ir-rikors gie differit ghall-Digriet in Kamera dwar il-kap tal-ispejjez."

Ikkunsidrat;

Ezaminati l-atti mill-ewwel jirrizulta illi nonostante li l-intimat kien ilu jaf bl-objezzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-izvilupp minnu propost, huwa baqa' ghaddej bl-applikazzjoni tieghu minghajr emendi sakemm ottjena l-permess kif xtaq hu minghajr l-ebda konsiderazzjoni ghall-ilmenti gustifikati tar-rikorrenti.

Dan ifisser illi gialadarba l-intimat, nonostante l-objezzjonijiet taghha xorta ottjena l-permess ghal zvilupp li prima facie inparte kien jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti, il-Qorti hi tal-fehma illi l-htiega ghall-dawn il-proceduri inqalet unikament tort tal-intimat li fiz-zmien opportun ma tax kaz tal-objezzjonijiet tar-rikorrent.

Ikun ghalhekk gust li l-ispejjez jigu sopportati mill-intimat.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta u tiddeciedi kif gej:-

1. Filwaqt li ma tiehux konjizzjoni ulterjuri tal-mertu in vista tan-nota ta' cessjoni tal-mertu, tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2019;

2. Ttikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Moghti kameralment illum 27 ta' Gunju 2019.**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion**